MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 210/2010

**A B**

**vs**

**1) C D**
**2) Registratur tar-Registru Pubbliku; u**
**3) Dr Martin Fenech u il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-5 ta' Awissu 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jipprezentaw lill-minuri E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi l-attrici zzewget lill-konvenut C D fis-7 ta' Settembru 2001 (certifikat taz-zwieg hawn anness Dok A);

2. Illi fit-8 ta' Gunju 2009, l-istess attrici infirdet legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa B (hawn anness Dok B);
3. Illi skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni specifikatament fil-klawzola numru 5 il-partijiet iddikjaraw illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal u li l-attrici kienet ilha nieqsa mid-dar matrimonjali ghall-ahhar sitt xhur u kienet harget tqila minn relazzjoni ma terza persuna u li ghalhekk il-wild li kienet ser titwieled ma kienitx il-wild naturali tal-konvenut C D;
4. Illi l-attrici tiddikjara illi effettivament hija kienet ilha mifruda fizikament mill-konvenut C D minn Marzu 2008 u f'Settembru 2008 hija kienet harget tqila minn relazzjoni kazwali li kellha ma persuna ta' nazzjonalita barranija;
5. Illi fit-22 ta' Gunju 2009 twieldet it-tifla minuri E D (hawn anness certifikat tat-twelid tat-tifla minuri E D Dok. C);
6. Illi ghalhekk ic-certifikat tat-twelid ta' E D ghandu jigi emendat fis-sens illi jindika illi l-missier naturali tal-istess tifla minuri mhuwiex maghruf;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri E D mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut C D izda missierha naturali mhuwiex maghruf b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f'dan is-sens;
2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' E D li jgib in-numru 2318/2009 billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-konvenut C D jigu kkancellati u minflok jigi mnizzel li l-missier naturali mhuwiex maghruf;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi *in limine litis* l-esponent jistqarr illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjuba għandhom ikunu l-aħjar u kif ukoll sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

2. Illi madanakollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti biex tirnexxi fl-azzjoni tagħha jeħtieġilha illi tipprova l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejnha u bejn żewġha C D u dan tul il-perijodu li jispeċifika l-**Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri E ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 2318 tas-sena 2009;

4. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati t-tieni u t-tielet eċċezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri E, li r-rikorrenti tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali stante li huwa opportun li jekk il-minuri ħa titlef l-istat ta' bint imwielda u mnissla fiż-żwieġ (stat mogħti lilha bl-applikazzjoni tal-presunzjoni msemmija fl-**Artikoli 67 u 68 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**) talanqas hija għandha jkollha ideja min jista' jkun il-missier naturali tagħha fl-eventwalità li 'l quddiem hija jkollha interess li tesperimenta proċeduri għar-riċerka tal-paternità tagħha;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tiegħu u għaldaqstant huwa mgħandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi xehdet l-attrici u qalet illi ilha separata minn ma zewgha il-konvenut C D minn Marzu 2008, meta telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix mal-genituri taghha is-Siggiewi. Hija xehdet illi f’Settembru 2008 kienet harget Paceville u iltaqghet ma persuna ta’ nazzjonalita Braziljana li kien qieghed Malta ghal btala u kellha *one night stand* mieghu. Hija xehdet illi wara dakinhar ma regghet qatt iltaqghet mieghu u lanqas ma kellha aktar kuntatt mieghu, peress illi qatt ma kien taha numru tat-telefon jew l-indirizz tieghu. L-attrici xehdet illi xahar wara skopriet illi kienet harget tqila u fit-22 ta’ Gunju 2009 twieldet il-minuri E illi hija il-wild naturali ta’ dan ir-ragel Braziljan.

Illi l-genituri tal-attrici ikkonfermaw ix-xiehda illi tat l-istess attrici.

Illi l-Qorti rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA illi gie ipprezentat u ikkonfermat bil-gurament minn Dr Marisa Cassar fit-28 ta’ April 2011.

Illi ir-rapport jixhed illi mit-testijiet illi saru, irrizulta illi l-konvenut C D mhuwiex il-missier naturali tal-minuri E D.

Illi l-konvenut C D xehed f’dawn l-atti u spjega illi l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali f’Marzu 2008. Huwa xehed illi l-attrici kellha tifla illi mhijiex tieghu kif jixhdu ir-rapporti xjentifici tad-DNA. Huwa xehed illi jixtieq illi l-minuri ma tibqax tidher illi hija bintu.

Illi l-Qorti rat illi l-konvenut C D baqa kontumaci f'din il-kawza u illi fir-rigward tat-tieni u it-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi dawn l-eccezzjonijiet gew sorvolati bir-rapport xjentifiku tad-DNA illi juri illi l-konvenut C D mhuwiex il-missier naturali tal-minuri.

Illi fir-rigward tar-raba eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti wara li rat ix-xiehda tal-attrici u tal-genituri taghha, tara illi l-attrici ippruvat illi ma tafx min hu il-missier naturali tal-minuri peress illi kellha *one night stand* ma persuna ta' nazzjonalita Braziljana u minn dakinhar ma ratux aktar u peress illi ma kienx ta in-numru tat-telefon u l-indirizz tieghu, ma kellha l-ebda kuntratt iehor mieghu.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri E D mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut C D, izda missierha naturali mhuwiex maghruf, b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri f'dan is-sens u tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' E D li jgib in-numru 2318/2009, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-konvenut C D, dawn jigu ikkancellati u minflok jigi imnizzel illi l-missier naturali mhuwiex maghruf; Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------